Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Lulju 2022**
**(OR. en)**

**9835/22**

**CDR 74**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar ħames membri u seba' membri supplenti, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz tal-ittri tad-9 ta' Diċembru 2021 u tad-19 ta' Mejju 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Jess LAURSEN, tas-Sur Arne LÆGAARD u tas-Sur Per NØRHAVE, u bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Per Bødker ANDERSEN ġie propost għall-ħatra[1].

2. Permezz tal-ittri tal-15 ta' Diċembru 2021, tad-9 ta' Frar 2022 u tas-7 ta' Ġunju 2022, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni nnotifika lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Søren WINDELL, kif ukoll bit-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra s-Sur Steen Bording ANDERSEN, is-Sa Vibeke Syppli ENRUM, is-Sur Erik HØGH-SØRENSEN, is-Sur Anders Rosenstand LAUGESEN u s-Sur Evan LYNNERUP OLESEN[2].

[1] 5495/22, 9687/22.
[2] 5861/22, 6195/22, 10816/22.

3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni jinħatru mill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tagħhom, il-Gvern Daniż ippropona[3] r-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Bent GRAVERSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Ir-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali), is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, *Borgmester, Hillerød Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Hillerød) (li qabel kienet membru supplenti), is-Sur Torsten NIELSEN, *2. Viceborgmester, Viborg Kommune* (it-Tieni Viċi Sindku, Muniċipalità ta' Viborg), is-Sa Hanne ROED, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Ir-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali), u s-Sur Peter Sønderby Westphal SØRENSEN, *Borgmester, Horsens Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Horsens).

[3] 9779/22.

5. Barra minn hekk, il-Gvern Daniż ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandati attwali, li jintemmu fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Jens Christian GJESING, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Haderslev Kommune* (membru tal-Kunsill tal-Belt, Muniċipalità ta' Haderslev) (li qabel kien membru), is-Sur Flemming KNUDSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Ir-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali), is-Sur Tage LEEGAARD, *Regionsrådsmedlem Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Ir-Reġjun tad-Danimarka tat-Tramuntana), is-Sa Anne MADSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Sorø Kommune* (membru tal-Kunsill tal-Belt, Muniċipalità ta' Sorø), is-Sur Henrik Lena MADSEN, *Byrådsmedlem, Kerteminde Kommune* (membru tal-Kunsill tal-Belt, Muniċipalità ta' Kerteminde), is-Sur Thomas ROHDEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Hovedstaden* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali, ir-Reġjun Kapitali), is-Sur Mads SØRENSEN, *Borgmester, Varde Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Varde)

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument 9823/22 bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.